L-Erbgħa 16 ta' April 2014

P7_TA(2014)0407

Emenda tal-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2004/162/KE dwar id-dazji tal-baċir fid-dipartimenti ultraperiferiċi Franċiżi *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE dwar id-dazji tal-baċir fid-dipartimenti ultraperiferiċi Franċiżi (COM(2014)0181 – C7-0129/2014 – 2014/0101(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2017/C 443/83)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2014)0181),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0129/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0264/2014),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.